## Skeda 2

Kull koppja tixtieq li fil-futur tibni familja sabiħa! Iżda jista' jkun li mhux it-tnejn ikunu jaqblu dwar x'jiġifieri familja sabiħa!

Kull partner jipprova jimla, b'mod individwali, l-iskeda ***Naħseb li fir-relazzjoni tagħna nkunu kuntenti jekk…*** Ikteb in-numri, minn 1 sa 14, fil-kaxxi l-vojta, skont l-importanza li tagħti lil dawn il-frażijiet. Poġġi n-numru 1 ħdejn il-frażi li għalik hija l-iktar importanti, u poġġi n-numru 14 ħdejn il-frażi li għalik hija l-inqas importanti.

| Naħseb li fir-relazzjoni tagħna nkunu kuntenti jekk... | |
|---|---|
| Ikollna relazzjoni sesswali tal-ġenn. | |
| Inkunu kemm jista' jkun bħal xulxin f'kollox. | |
| Ikollna dar sabiħa mgħammra bil-kumditajiet kollha. | |
| Nagħmlu sagrifiċċji għal xulxin. | |
| Ikollna xogħol stabbli u paga tajba. | |
| Ikollna festa tat-tieġ sabiħa. | |
| Jirnexxielna naċċettaw lil xulxin bid-differenzi ta' bejnietna. | |
| Inkunu naqblu mal-familja ta' xulxin. | |
| Ikollna t-tfal sbieħ u b'saħħithom. | |
| Nitgħallmu nitkellmu ma' xulxin. | |
| Ma jkollniex mard fil-familja tagħna. | |
| Ikollna ħbieb li jirrispettawna. | |
| Inkunu nistgħu nkomplu l-karriera individwali tagħna. | |
| Nitgħallmu naħfru lil xulxin. | |

Qabblu flimkien l-eżerċizzji tagħkom bħala koppja. Araw x'jiġi l-ewwel għalik u għalih/a. Iddiskutu bejnietkom ir-raġunijiet, anke jekk qbiltu f'kollox flimkien!